MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2008

Avviz Numru. 17/2008

**Millenia Limited (C 22784)**

**Vs**

**Frank Bonnici**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih is-socjeta' attrici talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandhux jigi kundannat li jhallas lill-istess sojceta' attrici s-somma ta' sitt elef tlett mija u sbatax-il Euro u erbghin centezmi (€6,317.40) (ekwivalenti ghal elfejn seba' mija u tnax-il lira Maltin u sitt centezmi (Lm2,712.06) rapprezentanti prezz ta' oggetti mibjugha u debitament ikkonsenjati lill-konvenut mis-socjeta' attrici, liema oggetti jinstabu imsemmija id-dokument anness u markat bhala dokument 1 anness mal-avviz. Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali pprezentata nhar is-6 ta' Novembru 2007 a tenur ta' l-artikolu 166A tal-Kap 12 u bl-imghaxijiet legali mid-data

tal-istess ittra ufficjali sad-data tal-pagament effettiv. Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dokument anness mal-istess atti a fol 2 u markat "Dokument 1".

Rat ir-risposta tal-istess konvenut (fol 10 ibid) u li biha espona bir-rispett:-

1. Illi t-talbiet attrici kif dedotti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra taghha.
2. Illi l-ammont reklamat mis-socjeta' rikorrenti huwa eccessiv u ma jirriflettix il-pagamenti kollha maghmula da parti tal-konvenut, kif se jigi ppruvat.
3. Illi s-socjeta' attrici trid tiggustifika l-komputazzjoni tal-imghax kkomputat minnha.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi, kif jidher mill-verbal tas-seduta tal-25 ta' Frar 2008 (fol 11 ibid) f'dan il-kaz u minhabba dak kontenut fir-risposta tal-konvenut a fol 10 tal-atti, kien hemm in versjoni tal-provi. Pero, l-konvenut, kif jidher a fol 14 u fol 15 tal-istess atti kif ukoll mill-verbal tallum stess, ma gab ebda prova in sostenn ta' dak eccepit u sottomess minnu fl-imsemmija risposta.

Ikkunsidart

Illi, da parti tas-socjeta' attrici, gie prodott, u xehed illum stess, Joseph Tabone li spjega illi, meta gie presentat ir-rikors in esami, l-ammont specifikat fl-istess rikors kien dovut lis-socjeta' attrici, kif spjegat fl-istess xhieda. Pero' fil-mori ta' din il-kawza l-istess konvenut kien hallas €4,000, akkont tal-istess ammont u ghalhekk fadal bilanc dovut mill-konvenut ammontanti ghal €2,317.40

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa t-talba attrici kif ridotta u tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' €2317.40 bl-imghaxijiet legali mis-6 ta' Novembru 2007 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk tal-ittra ufficjali tas-6 ta' Novembru 2007.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------